# LA VALLETTE

## *Ta'* Patri Mattew Kappuċċin

B'dehen ta' moħħ għaqli, b'ħeġġa qatt għajjiena
Fi triq ir-rebħa saq sa temm il-ġlied,
Rażżan lit-Tork li mal-Maltin qalbiena
Tqabad għad-din u l-bidla tad-drawwiet.

B'ħiltu, n-Nofs Qamar mifni, talab ħniena,
L-isparar waqaf u t-taqbida ħdiet,
B'dehnu Sant'Anġlu ta l-aħbar b'qanpiena:
"Żernaq fuq Malta jum ta' sliem u kwiet".

Kburi, rebbieħ, bi ħbub għajnejh bħal ġamar,
B'xabla ma' qaddu, b'sidru ġo l-azzar,
Ra bogħod mill-gżira mħarrab in-Nofs Qamar,

Bħal ġens imħarbat, jisħet fuq ix-xwieni
Għax waqt li fetaħ l-imrammiet tas-swar
Ma satax jinfed qalb dan il-qalbieni.